MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 67/2005

**SMS Insurance Agency Ltd (C5645) għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office p.l.c, kif surrogata fid-drittijiet ta' Anthony Mizzi (779854M) u l-istess Anthony Mizzi**
**Vs**
**Sergio Sciberras (096071M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fl-10 ta' Jannar, 2005 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut iħallas is-somma ta' Lm 334.39 (tliet mija u erbgħa u tletin lira Maltija u disgħa u tletin ċenteżmu) rappreżentanti danni sofferti f'inċident stradali nhar it-30 ta' Jannar, 2004 f'Ħal Qormi.

Fl-Avviż tat-talba intqal li:-

L-ammont mitlub jirrappreżenta danni sofferti mill-atturi wara inċident stradali fil-post u data indikati meta l-konvenut kien qed isuq vetttura SSD 001 u ħabat mal-

vettura ABJ 593 misjuqa minn Alexander Caruana, għal liema inċident jaħti unikament il-konvenut.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta’ l-ittra legali tat-3 ta’ Settembru 2004 (Dok. A) u ta’ l-ittra uffiċjali tat-3 ta’ Diċembru, 2004 u ta’ l-ittra uffiċjali preżentata kontestwalment għall-finijiet tal-Kap. 104 (c) u bl-imgħax legali dekoribbli mit-3 ta’ Diċembru, 2004 sa l-effettiv pagament.
Ra r-risposta tal-konvenut Sergio Sciberras fejn ingħad :-

Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li għall-inċident in kwistjoni ma kienx jaħti unikament il-konvenut kif allegat fit-talba.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kolliżjoni si tratta ta’ ħabta. Dina saret fl-akkwati ta’ tal-Ħandaq. Kif jirriżulta anki mir-ritratti esebiti it-triq mhix waħda feliċi, hija speċi ta’ triq li qisa qegħda fil-kampanja u l-ħabta saret fil-kurva bejn dħul u ħruġ minn tal-Ħandaq lejn Ħal Qormi.

Il-kontestazzjoni hija l-aktar konċentrata fejn il-vetturi propjament ħabtu, kemm kien hemm distanzi bejniethom għal mal-ħitan fuq il-ġnub tagħhom rispettivi u f’xiex kienu jikkonsisti l-ġnub li kien hemm.

Anki jekk wieħed jeżamina d-dikjarazzjoni minnhom mogħtija lill-Pulizija Nvestigattiv a tempo vergine, il-verżjoni minnhom mogħtija hija sempliċi ħafna fis-sens wieħed kien dieħel, wieħed kien ħiereġ minn direzzjoni opposta u saret il-ħabta.

Kolliżjonijiet simili huma sintomatiċi għal ċerti toroq lokali, speċjalment f’area li qed tiġi żviluppata u fejn ikun hemm ħaxix u terrapien allura wieħed ta’ bil-fors ikollu jersaq lejn in-nofs tat-triq. Aktar u aktar meta jkun hemm kurvi involuti.

Tenut kont anki taż-żewġ verżjonijiet mogħtija anki miż-żewġ sewwieqa quddiem it-Tribunal, l-istess Tribunal ma hux f'pożizzjoni illi jakkorda r-responsabbilta' għal xi parti jew oħra tax-xufiera f'mod totali.  Ikun iktar opportun u anka mil-lat ta' ekwita illi għall-istess kolliżjoni r-responsabbilita' tiġi akkordata bin-nofs bejniethom.  Dana qed jingħad illi kif xehdu l-istess sewwieqa u kif ġja ingħad mir-ritratti esebiti kull parti xi ftit jew wisq kienet mankanti fil-prudenza ta' sewqan għal dak l-akkwati.

Illi l-quantum tad-danni ma ġiex kontestat u qed jiġi akkordat fl-istess rata.

Għaldaqstant it-Tribunal fil-waqt jiddikjara liż-żewġ xufiera ugwalment responsabbli għall-kolliżjoni u għalhekk il-konvenut qed jiġi ikkundannat iħallas lill-atturi s-somma ta' mija u sebgħa u sittin lira Maltija u għoxrin ċenteżmu (Lm167.20) bl-interessi mid-data tal-preżentata sal-pagament effettiv u l-kap ta' l-ispejjeż għandu jiġi soffert ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------